**184. IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI jipproponi :-**

Billi bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kummissjoni Elettorali rrevediet il-konfini tad-distretti elettorali u għamlet it-tibdil li jinsab fir-Rapport datat 2 ta' Mejju, 2005, mibgħut lill-Prim Ministru u lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni u li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fid-seduta tad-9 ta' Mejju, 2005;

Billi skond l-artikolu 61(3)(c), il-Kamra għandha l-jedd li jew tapprova dak it-tibdil jew tibgħat lura t-tibdil lill-Kummissjoni Elettorali biex tikkonsidrah mill-ġdid;

Billi saret kritika ġustifikata għal dan ir-Rapport u dan għar-raġunijiet segwenti:-

(a) il-bdil tal-konfini ħa in konsiderazzjoni fatturi estraneji għall-eżerċizzju tal-bdil, filwaqt li injora konsiderazzjonijiet rilevanti. Hekk fil-paragrafu 11 tar-Rapport jingħad li l-bdil jirrispekkja "it-tendenzi li wera l-elettorat mis-sena 2003 sal-lum f'dak li għandu x'jaqsam mal-Kunsilli Lokali". Dan ma hux kriterju rikonoxxut mill-Kostituzzjoni għal bdil fid-distretti, filwaqt li kriterji importanti bħal dak tal-viċinanza ġeografika u integrita' territorjali ta' lokalitajiet ġew injorati;

(b) ir-Rapport fih asserzjonijiet żejda ta' natura politika li a bażi tagħhom sar dan it-tibdil. Hekk per eżempju ir-Rapport f'paġna 5 jafferma li "dak il-partit li sena wara l-oħra jmur aħjar mill-ieħor fl-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, dan il-vantaġġ jibqa' jgawdih għall-inqas sa l-Elezzjonijiet Ġenerali li jkun imiss ... "; asserzjoni li ma hiex sostnuta mill-fatti u lanqas mir-riżultat ta' l-aħħar elezzjoni ġenerali;

(c) Fl-aħħarnett, il-bdil fil-konfini wassal għall-frammentazzjoni bla bżonn ta' postijiet żgħar, u sar tibdil fejn tibdil ma kienx hemm bżonn, jew seta' sar tibdil inqas radikali; hekk li distretti li kellhom bżonn l-iċken tibdil, ġew mibdula ta' taħt fuq;

Minbarra dawn ir-raġunijiet u suġġerimenti, kummenti, u kritika li jistgħu jiġu ventilati anki f'din il-Kamra, hu xieraq li l-Kummissjoni Elettorali tingħata l-opportunita' li tikkonsidra bir-reqqa din il-kritika, kontenuta f'din ir-Riżoluzzjoni u oħra li tista' ssir fid-dibattitu f'din il-Kamra dwar din ir-Riżoluzzjoni, u tiddeċiedi jekk minħabba f'hekk, jew, għal kwalunkwe raġuni oħra, għandhiex tagħmel tibdil ieħor jew le.

Għalhekk din il-Kamra tiddeċiedi għall-fini tas-subartikolu (3)(c) ta' l-artikolu 61 tal-Kostitutzzjoni u għall-finijiet kollha ta' l-istess Kostituzzjoni u ta' kull Liġi oħra, li l-imsemmi rapport tal-Kummissjoni Elettorali jintbagħat lura lill-istess Kummissjoni biex jiġi kkunsidrat mill-ġdid minnha.

16.05.05

**DIBATTITU**

**23 TA' MEJJU 2005**

**EMENDA GĦALL-MOZZJONI 184 TA' L-ONOR PRIM MINISTRU (M'għaddietx)**

Ħassar il-paragrafi kollha sa l-aħħar, li jibdew minn "Billi saret kritika ġustifikata għal dan ir-rapport u dan għar-raġunijiet segwenti", u minflokhom daħħal dan li ġej:

"Din il-Kamra

TAGĦRAF kif fl-aħħar snin, il-konfini elettorali li ġew addottati kienu manifestament ta' natura li taw vantaġġ lil partit wieħed, kemm meta rebaħ, kemm meta tilef l-elezzjonijiet li saru, u dan naturalment a skapitu tal-partit l-ieħor;

TQIS li l-proposti li qed isiru mill-Kummissjoni Elettorali jnaqqsu bil-kbir dil-problema ta' żbilanċ fil-mod kif tfasslu l-konfini, għax joffru opportunita' din id-darba biex ikun xi jkun il-vot taċ-ċittadini fl-elezzjoni ġenerali li jmiss, ir-riżultat f'siġġijiet fil-Parlament għandu jersaq sew lejn proporzjonalita' sħiħa mas-saħħa elettorali f'voti miksuba mill-partiti politiċi fl-ewwel għadd tal-voti;

Għalhekk,

Din il-Kamra b'din ir-riżoluzzjoni

QIEGĦDA TAPPROVA t-tibdil fil-konfini tad-distretti elettorali kif magħmul fir-Rapport tat-2 ta' Mejju 2005.

Madankollu din il-Kamra
TINNOTA kif il-metodu li bih jiġu mfassla r-rapporti tal-Kummissjoni Elettorali dwar bidliet fil-konfini tad-distretti elettorali skond il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta, qiegħed kull darba jiġi soġġett għal kontroversja pubblika u għal kritika minn naħa jew oħra tal-Kamra; u

TQIS li kif ilu jintqal, ikun wisq utli għad-demokrazija tagħna li r-regoli li bihom jitfasslu d-distretti jkunu soġġetti għal metodu li jassigura darba għal dejjem li l-proporzjon ta' voti miksuba mill-partiti politiċi fl-ewwel għadd tal-voti f'elezzjoni ġenerali jkun konformi fi proporzjon sħiħ mas-siġġijiet li jiksbu fil-Parlament, u b'hekk jitnaqqsu ħafna mill-polemiki li kull darba jitqanqlu fuq dan is-suġġett, għax il-konfini tad-distretti elettorali fihom infushom ma jkollhomx aktar xi influwenza fuq in-numru totali ta' deputati li l-partiti jiksbu fil-Parlament;

TAGĦRAF li jeżisti bażi għal ftehim fi żmien qasir, bejn il-partiti politiċi biex jekk tintwera rieda tajba mill-partijiet kollha, isiru bidliet fil-Kostituzzjoni ta' Malta ħalli waqt li jitħares il-prinċipju ta' governabilita' tal-pajjiż, tiddaħħal sistema elettorali li tassigura li jkun hemm l-

istess proporzjon ta' voti fl-ewwel għadd li jkun ġab partit eliġibbli għal rappreżentanza parlamentari, u l-proporzjon ta' deputati li jkollu dan il-partit;

TIDDEĊIEDI li fi żmien tliet xhur mid-dibattitu tal-lum, wara diskussjoni serja u ġenwina bejn il-partiti politiċi kollha konċernati, jitressaq quddiem dan il-Parlament, għall-kunsiderazzjoni u l-vot tiegħu, abbozz ta' bidla fil-Kostituzzjoni ta' Malta li bih jiġi assigurat li l-proporzjon ta' deputati fil-Parlament imtellgħa minn partiti politiċi eliġibbli għal rappreżentanza parlamentari jiġi jirrifletti b'mod sħiħ, il-proporzjon ta' voti fl-ewwel għadd li dawn il-partiti jkunu rċevew f'elezzjoni ġenerali. L-abbozz għandu jaħseb ukoll biex iħares l-integrita' reġjonali ta' Għawdex bħala distrett elettorali wieħed. B'hekk, pajjiżna jirnexxilu jikseb sistema parlamentari li tirrifletti tassew il-volonta' tal-poplu f'qafas ta' stabbilta' governattiva, waqt li tevita darba għal dejjem kontroversji partiġġjani li ma jagħmlux ġid lil pajjiżna, anzi jaljenawh mill-isfidi li jkun qiegħed jiffaċċja.

Onor Alfred Sant
Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni

23.05.05